SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

8 ta' Lulju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikoli 49 u 54 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi li ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati fuq bastiment li jtajjar bandiera ta' Stat Membru jkollhom permess ta' xogħol f'dan l-Istat Membru – Eċċezzjoni għall-bastimenti li ma jidħlux f'portijiet tal-Istat Membru iktar minn 25 darba f'perijodu ta' sena – Restrizzjoni – Artikolu 79(5) TFUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa l-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minn pajjiżi terzi, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat bil-għan li jfittxu xogħol bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha hemmhekk"

Fil-Kawża C-71/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Frar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Frar 2020, fil-proċeduri kriminali kontra

VAS Shipping ApS,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby, S. Rodin u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: C. Strömholm,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal VAS Shipping ApS, minn M. Clemmensen, advokat,

– għall-Gvern Daniż, minn J. Nymann-Lindegren, M. Jespersen u M. S. Wolff, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u M. Noort, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Armati, S. L. Kalėda u H. Støvlbæk, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra VAS Shipping ApS talli impjegat abbord bastimenti li jtajru bandiera Daniża baħħara ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx permess ta' xogħol Daniż u li ma humiex eżenti mill-obbligu li jkollhom dan il-permess.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 13(1) tal-Udlændingeloven (il-Liġi dwar Ċittadini Barranin), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-lovbekendtgørelse nr. 1061 (Digriet ta' kodifikazzjoni Nru 1061) tat-18 ta' Awwissu 2010 (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar Ċittadin Barranin"), kien ifformulat kif ġej:

"Ċittadin barrani għandu jkollu permess tax-xogħol sabiex jieħu impjieg imħallas jew mhux imħallas, sabiex ikun persuna li taħdem għal rasha jew sabiex jipprovdi servizzi bi ħlas jew mod ieħor fid-Danimarka. Permess tax-xogħol għandu jkun meħtieġ ukoll għall-impjieg fuq bastiment jew ajruplan Daniż li, bħala parti minn servizzi regolari jew mod ieħor, jieqaf regolarment f'portijiet jew ajruporti Daniżi. Madankollu, għandu jsir riferiment għall-eżenzjonijiet fl-Artikolu 14.

[…]"

4 Skont l-Artikolu 59(4) u (5) tal-Liġi dwar Ċittadini Barranin:

"4. Kull persuna li timpjega ċittadin barrani mingħajr il-permess tax-xogħol meħtieġ jew bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti għal permess tax-xogħol tista' teħel multa jew terminu ta' priġunerija sa sentejn.

5. Il-fatt li l-ksur twettaq apposta jew bħala riżultat ta' negliġenza serja, li qligħ finanzjarju inkiseb jew ġie mfittex mill-ksur għall-persuna kkonċernata nnifisha jew għal oħrajn, jew li ċ-ċittadin barrani ma għandux id-dritt li jkun residenti fid-Danimarka għandu jitqies li huwa ċirkustanza aggravanti fid-determinazzjoni tal-piena taħt is-subparagrafu 4."

5 Mill-Artikolu 61 ta' din il-liġi jirriżulta li persuna ġuridika, b'mod partikolari kumpannija, tista' tinżamm responsabbli kriminalment.

6 Il-punt 4 tal-Artikolu 33 tal-bekendtgørelse nr. 270 om udlændinges adgang her til landet (id-Digriet Ministerjali Nru 270 dwar l-Aċċess ta' Ċittadini Barranin għad-Danimarka), tat-22 ta' Marzu 2010, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali dwar iċ-Ċittadini Barranin"), kien jiddisponi:

"Iċ-ċittadini barranin li ġejjin għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit tal-permess tax-xogħol:

[…]

(4) Persunal fuq bastimenti tal-merkanzija Daniżi fi traffiku internazzjonali li jidħlu f'portijiet Daniżi f'mhux iktar minn 25 okkażjoni, ikkalkolati kontinwament matul is-sena ta' qabel, irrispettivament mis-sena kalendarja, fejn permess tax-xogħol huwa meħtieġ għal dak il-għan, taħt it-tieni sentenza tal-Artikolu 13(1) tal-Liġi dwar Ċittadini Barranin.

[…]"

7 L-Artikolu 103 tas-Søloven (il-Kodiċi Marittimu), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Marittimu"), jiddisponi:

"1. Sid maniġerjali għandu jintgħażel għal vapur miżmum f'komproprjetà.

2. Persuna, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija responsabbli tista' tintgħażel bħala sid maniġerjali, sakemm din il-parti tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 u 3 rispettivament tal-Artikolu 1(2)."

8 Konformement mal-Artikolu 104 tal-Kodiċi Marittimu:

"Fir-rigward ta' partijiet terzi, is-sid maniġerjali għandu, bis-saħħa tal-kapaċità tiegħu jew tagħha, ikun intitolat li jikkonkludi kwalunkwe tranżazzjoni legali normalment konkluża minn kumpannija tal-vapuri. Is-sid maniġerjali jista' għalhekk jimpjega, ikeċċi u jagħti struzzjonijiet lill-kaptan, jagħmel assigurazzjoni ordinarja, u jirċievi flus imħallsa lill-kumpannija tat-tbaħħir. Is-sid maniġerjali ma għandux, mingħajr awtorizzazzjoni speċjali, ibigħ jew jipoteka l-bastiment jew jikri l-bastiment għal iktar minn sena."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Erba' kumpanniji tat-tbaħħir stabbiliti fl-Iżvezja u kkostitwiti minn diversi kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata rregolati mid-dritt Żvediż, irreġistraw erba' bastimenti fid-*Dansk Internationalt Skibsregister* (ir-Reġistru Internazzjonali Daniż tal-Bastimenti) sabiex jeżerċitaw l-attività tagħhom ta' trasport marittimu fid-Danimarka. Kif jeżiġi l-Artikolu 103 tal-Kodiċi Marittimu, huma ħatru lil VAS Shipping, kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Daniż, bħala sid maniġerjali, sabiex twettaq, bis-saħħa tal-Artikolu 104 ta' dan il-kodiċi, l-atti ġuridiċi kollha li l-attività ta' tbaħħir marittimu timplika normalment. VAS Shipping hija 100 % miżmuma minn Sirius Rederi AB, kumpannija rregolata mid-dritt Svediż.

10 VAS Shipping qed titressaq kriminalment quddiem il-qrati Daniżi għal ksur tal-Artikolu 59(4) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin, ikkunsidrat flimkien mal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, tal-Artikolu 61 ta' din il-liġi kif ukoll tal-punt 4 tal-Artikolu 33 tad-Digriet Ministerjali dwar iċ-Ċittadini Barranin. Skont l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, bħala sid maniġerjali, VAS Shipping ħalliet, matul il-perijodu bejn it-22 ta' Awwissu 2010 u t-22 ta' Awwissu 2011, l-erba'

bastimenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jidħlu fil-portijiet Daniżi għal iktar minn 25 darba, meta abbord kien hemm ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma kellhomx permess ta' xogħol fid-Danimarka u ma kinux eżentati mill-obbligu li jkollhom tali permess skont il-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin.

11 Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Mejju 2018, ir-Retten i Odense (il-Qorti Muniċipali ta' Odense, id-Danimarka) ikkundannat lil VAS Shipping għal multa ta' 1 500 000 krona Daniża (DKK) (madwar EUR 201 407) għal dan il-ksur. Insostenn tad-deċiżjoni tagħha, din il-qorti qieset li l-leġiżlazzjoni Daniża, sa fejn tipprevedi obbligu ta' żamma ta' permess ta' xogħol applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 54 TFUE. Madankollu, ir-Retten i Odense (il-Qorti Muniċipali ta' Odense) ikkunsidrat li din ir-restrizzjoni kienet iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, marbuta mal-istabbiltà tas-suq tax-xogħol Daniż u li ma kinitx tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Fil-fatt, skont din il-qorti, fid-dawl tad-differenza fil-livell tas-salarju bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment u l-ħaddiema Daniżi, ir-rekwiżit ta' permess ta' xogħol huwa mezz effikaċi u xieraq sabiex jiġi evitat it-tfixkil fis-suq tax-xogħol nazzjonali.

12 Is-sentenza tar-Retten i Odense (il-Qorti Muniċipali ta' Odense) kienet is-suġġett ta' appell minn VAS Shipping quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka).

13 Il-partijiet fil-kawża prinċipali jqisu li r-rekwiżit ta' permess ta' xogħol, previst fl-Artikolu 13(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin, ikkunsidrat flimkien mal-punt 4 tal-Artikolu 33 tad-Digriet Ministerjali dwar iċ-Ċittadini Barranin, jikkostitwixxi restrizzjoni għad-dritt ta' stabbiliment stabbilit fl-Artikolu 49 TFUE. Madankollu, filwaqt li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku iqis li l-imsemmija restrizzjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, VAS Shipping issostni li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tobbliga lis-sidien tal-bastimenti li ġejjin minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea jbiddlu l-politika ta' reklutaġġ tagħhom, mingħajr ma tkun neċessarja sabiex tiggarantixxi l-għan ta' interess ġenerali mfittex.

14 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet imposti fuq persuna li timpjega fir-rigward tal-għażla tagħha tal-ħaddiema. Issa, din il-ġurisprudenza tikkonċerna r-regoli fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Għalhekk, ma huwiex ċert li din tista' tiġi trasposta għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari għal-libertà ta' stabbiliment stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE, tal-leġiżlazzjoni Daniża li timponi, f'ċerti ċirkustanzi, fuq il-persuni li jimpjegaw ta' Stati Membri oħra, l-obbligu li jimpjegaw ħaddiema li jibbenefikaw minn permess ta' xogħol Daniż.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 49 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tobbliga lil ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi li jagħmlu parti minn ekwipaġġ ta' bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat, proprjetà ta' sid ta' bastiment li huwa ċittadin ta' Stat Membru ieħor, ikollhom permess ta' xogħol, ħlief jekk il-bastiment jidħol fil-port tal-Istat Membru kkonċernat għal massimu ta' 25 darba kkalkolati kontinwament matul il-perijodu tas-sena preċedenti?"

Fuq id-domanda preliminari

16 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-membri tal-ekwipaġġ, ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' dan l-Istat Membru u miżmum, direttament jew indirettament, minn kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, għandu jkollhom permess ta' xogħol f'dan l-ewwel Stat Membru, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx daħal hemmhekk għal iktar minn 25 darba matul sena.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-libertà ta' stabbiliment li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Istati Membri u li tinkludi għalihom l-aċċess għall-attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom u l-eżerċizzju tagħhom, kif ukoll li jinħolqu u jitmexxew impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk iddefiniti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu, tinkludi, konformement mal-Artikolu 54 TFUE, għall-kumpanniji stabbiliti konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, it-tmexxija ċentrali tagħhom jew is-sede prinċipali tagħhom stabbilita ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

18 Għalhekk, b'mod partikolari, taqa' taħt il-libertà ta' stabbiliment is-sitwazzjoni fejn kumpannija stabbilita fi Stat Membru toħloq sussidjarja fi Stat Membru ieħor. L-istess japplika, skont ġurisprudenza stabbilita, meta tali kumpannija jew ċittadin ta' Stat Membru jiksbu, fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, sehem li jippermettilhom jeżerċitaw influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u li jiddetermina l-attivitajiet tagħha (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

19 Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "stabbiliment", fis-sens tal-Artikoli 49 u 54 TFUE, jinkludi l-eżerċizzju effettiv ta' attività ekonomika permezz ta' arranġament stabbli fi Stat Membru ieħor għal żmien indeterminat u li r-reġistrazzjoni ta' vapur ma tistax tiġi sseparata mill-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment meta dan il-vapur jikkostitwixxi strument għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika li tinkludi installazzjoni stabbli fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Factortame *et*, C-221/89, EU:C:1991:320, punti 20 sa 22, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, EU:C:2007:772, punt 70).

20 Minn dan jirriżulta, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-Artikoli 49 u 54 TFUE huma applikabbli f'sitwazzjoni bħal dik li wasslet għall-kawża prinċipali, sa fejn erba' kumpanniji tat-tbaħħir Svediżi rreġistraw erba' bastimenti fir-Reġistru Internazzjonali Daniż tal-Bastimenti, ħatru kumpannija stabbilita fid-Danimarka u miżmuma kollha kemm hija minn kumpannija Svediża bħala sid maniġerjali ta' bastimenti, u użaw il-bastimenti inkwistjoni sabiex jeżerċitaw attività ekonomika.

21 Huwa fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet li għandu jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix "restrizzjoni" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE.

22 Għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "restrizzjoni", fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE, jirrigwarda, b'mod partikolari, il-miżuri li, anki jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, jistgħu jostakolaw jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 L-eżerċizzju effettiv tal-libertà ta' stabbiliment jimplika b'hekk, b'mod partikolari, bħala addizzjoni neċessarja għaliha, li s-sussidjarja, l-aġenzija jew il-fergħa maħluqa minn persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru ieħor tkun tista', skont il-każ, u jekk l-attività li hija jkollha l-intenzjoni li teżerċita tkun teħtieġ, timpjega ħaddiema f'dan l-Istat Membru (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis,C-201/15, EU:C:2016:972, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Madankollu, għandu jitfakkar li d-domanda magħmula tikkonċerna leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg, abbord bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dan l-Istat Membru, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u, b'mod iktar preċiż, l-obbligu tagħhom li jkollhom permess ta' xogħol.

25 Issa, mill-Artikolu 79(5) TFUE jirriżulta li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jiffissaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ġejjin minn pajjiżi terzi, fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg, kemm jekk bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha hemmhekk. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-Istat tal-bandiera ta' bastiment għandu jitqies bħala l-Istat li fih huwa impjegat ċittadin ta' pajjiż terz impjegat abbord dan il-bastiment (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2004, DFDS Torline, C-18/02, EU:C:2004:74, punt 44).

26 F'dan ir-rigward, l-obbligu għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' xogħol għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' impjieg fi Stat Membru jikkostitwixxi, kif isostni l-Gvern Daniż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, miżura intiża sabiex tirregola l-kundizzjonijiet ta' aċċess għax-xogħol u għar-residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju nazzjonali. Tali obbligu jippermetti, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri li jikkontrollaw il-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom, bil-għan li jfittxu impjieg hemmhekk.

27 Għaldaqstant, Stat Membru għandu d-dritt li jipprevedi li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati fit-territorju tiegħu, inkluż fuq bastiment irreġistrat f'dan l-Istat Membru, għandhom jiksbu permess ta' xogħol, billi jipprovdu wkoll, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu.

28 Ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Factortame *et*, C-221/89, EU:C:1991:320, punt 14, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 2014, Strojírny Prostějov u ACO Industries Tábor, C-53/13 u C-80/13, EU:C:2014:2011, punt 23), b'mod partikolari tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE, fosthom il-libertà ta' stabbiliment (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Grupo Itevelesa *et*, C-168/14, EU:C:2015:685, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Xorta jibqa' l-fatt li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, applikabbli mingħajr distinzjoni għall-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera tiegħu, li tipprevedi, konformement mal-Artikolu 79(5) TFUE, l-obbligu għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi impjegati bħala membri tal-ekwipaġġ ta' tali bastimenti, li jkollhom permess tax-xogħol, filwaqt li teżenta minn dan l-obbligu lill-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti li ma jkunux daħlu, għal iktar minn 25 darba

matul sena, fil-portijiet ta' dan l-aħħar Stat Membru, ma tistax tiġi kklassifikata bħala "restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE, u, għaldaqstant, bħala inkompatibbli ma' din l-aħħar dispożizzjoni.

30 Huwa minnu li tali dispożizzjoni tista' tqiegħed lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru ieħor sabiex topera bastiment li jtajjar bandiera ta' dan l-aħħar Stat Membru f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik ta' kumpanniji li joperaw, fit-tieni Stat Membru, bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru differenti minn dan tal-aħħar u li l-leġiżlazzjoni tagħhom ma tipprevedix obbligu analogu.

31 Madankollu, tali konsegwenzi sfavorevoli jirriżultaw mid-differenzi eventwali fl-applikazzjoni, minn kull Stat Membru, tad-dritt li huwa espressament irriżervat għalih fl-Artikolu 79(5) TFUE, fil-qasam tal-kontroll tal-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju tiegħu, bil-għan li jfittex impjieg (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sparkasse Allgäu, C-522/14, EU:C:2016:253, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 49 TFUE, ikkunsidrat fid-dawl tal-Artikolu 79(5) TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-membri tal-ekwipaġġ, ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' dan l-Istat Membru u miżmum, direttament jew indirettament, minn kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, għandu jkollhom permess ta' xogħol f'dan l-ewwel Stat Membru, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx daħal hemmhekk għal iktar minn 25 darba matul sena.

Fuq l-ispejjeż

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 49 TFUE, ikkunsidrat fid-dawl tal-Artikolu 79(5) TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi li l-membri tal-ekwipaġġ, ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' dan l-Istat Membru u miżmum, direttament jew indirettament, minn kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, għandu jkollhom permess ta' xogħol f'dan l-ewwel Stat Membru, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx daħal hemmhekk għal iktar minn 25 darba matul sena.

Firem